MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2007

Appell Kriminali Numru. 221/2007

Il-Pulizija
(Spt. C. Magri)
Vs
Fabian Sciriha

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-Furjana fid-29 t'Awissu, 2005, ghall-habta tan-12.30 ta' wara nofsinhar,
1. kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba' w is-sitt Taqsima ta' l-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija

w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu w naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati w bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin, datata 20 ta' Jannar, 2004, imposta fuqu mill-Magistrat Dr. A. Mizzi LL.D.;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqu b'sentenza ohra datata 18 ta' Mejju, 2005, moghtija mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D.;

4. sar recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Mejju, 2007, li biha, wara li rat it-Taqsima 4 u 6, l-Artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(ii), it-Taqsima 4 u 6 tal-Kap. 101, ir-regolament 9 tal-GN 292/1939, l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 kif ukoll l-Artikolu 7 u 23 tal-Kap. 446, l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati tal-ewwel u r-raba' imputazzjoni biss u kkundannatu jhallas multa ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250) u lliberatu mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni.

Il-multa tista' tithallas fi zmien 4 gimghat. Jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc ikun dovut kollu f'daqqa. Kull parti li ma tithallasx tinbidel f'jum prigunerija ghal kull LM5 mhux imhallsin.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-6 ta' Gunju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi :

1. tikkonfermaha fejn sabet lil-appellat hati ta' l-ewwel u r-raba' akkuzi migjuba kontra tieghu; filwaqt li

2. tirrevokaha w thassaraha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mit-tieni u t-tielet imputazzjoni in bazi ta' l-applikazzjoni tal-principju tan-*"ne bis in idem"*; u minflok
3. issib htija wkoll fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjoni u
4. tinfliggi l-piena idonea fuq l-appellat ghall-akkuzi kollha li ghalihom ikun gie misjub hati skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi meta applikat il-principju ta' *ne bis in idem* fir-rigward tat-tieni w t-tielet imputazzjoni, ghax dan ma kienx applikabbli ghall-kaz. Konsegwentement dik il-Qorti erogat piena li fix-xorta taghha ma kienetx fix-xorta jew kwantita' taghha dik kontemplata fil-ligi ghar-reati li fuqhom l-imputat appellat gie kundannat, fis-sens li kienet miti wisq. F' dan il-kaz l-appellat kien soggett ghal zewg processi penali differenti w ghal zewg sentenzi differenti moghtija mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-istess Magistrat fl-istess jum. Gara illi fl-ewwel sentenza, din hadet in konsiderazzjoni l-fatt li r-reat li ghalih kien processat l-appellat u sanzjonat f' dik is-sentenza (reat separat u distint mir-reat determinat bit-tieni sentenza mertu tal-appell odjern) b' mod illi dik il-Qorti estendiet it-terminu taz-zmien operattiv tal-istess sentenza sospiza sal-20 ta' Jannar, 2009 Izda jirrizulta kjarament minn dik l-istess sentenza illi s-sentenza ta' prigunerija sospiza ma gietx reza operattiva. Inoltre l-fatti li fuqhom gie processat fit-tieni kawza huma differenti, separati w distinti minn dawk processati fl-ewwel kawza. Ghalhekk l-appellant ghamel riferenza ghall-insenjament ta' din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Grezzju sive Horace sive Louis Cassar"** [23.1.2003] li ssahhah it-tezi tieghu li f' dan il-kaz ma hemmx *ne bis in idem*.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Li l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata l-ewwel qalet testwalment :-

"*Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet u ghaldaqstant dawn gew ppruvati skond il-ligi."*

Pero', minnufieh wara, kompliet tghid :-

*"Il-Qorti tirrileva illi dalghodu stess f' sentenza ohra kienet diga' hadet in konsidrrazzjoni t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u ghaldaqstant minn dawn l-imputat ser jigi liberat minnhabba l-principju ne bis in idem."*

Illi huwa minnu dak li jghid l-Avukat Generali li fis-sentenza l-ohra li nghatat fil-konfront tal-istess appellat fil-21 ta' Mejju, 2007 mill-istess Magistrat, l-Ewwel Qorti ma attivatx is-sentenza ta' sentejn prigunerija sospiza ghal erba snin li kien inghata l-appellat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali preseduta mill-Magistrat Dr. A. Mizzi fl-20 ta' Jannar, 2004 imma li dik il-Qorti estendiet biss l-operazzjoni tas-sentenza sospiza sal-20 ta' Jannar, 2009.

Illi hu korrett ukoll l-Avukat Generali meta jghid li ladarba l-Ewwel Qorti fis-sentenza l-ohra moghtija minnha fl-istess jum ma attivatx is-sentenza sospiza, fit-tieni sentenza (cioe' dik hawn appellata) ma setghetx tillibera kif ghamlet ghab-bazi ta' *ne biss in idem* ghax gja "hadet in konsiderazzjoni it-tieni u t-tielet imputazzjoni" fis-sentenza l-ohra li tat dak in-nhar stess ghab-bazi ta' *ne bis in idem*.

Pero' f' dan il-kaz hemm fattur li milli jidher sfugga lil kullhadd u cioe' lill-imputat appellat meta ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu, lill-Ewwel Qorti meta accettat tali ammissjoni w tat is-sentenza appellata w lill-Avukat Generali, meta ntavola dan l-appell. Fil-process l-iehor l-

ewwel imputazzjoni li biha kien akkuzat l-appellat odjern kienet dik ta' pussess tad-droga eroina fil-25 ta' Frar, 2007 u fis-sentejn ta' qabel, mentri l-fatt li hu akkuzat bih f' dan il-process huwa ta' pussess tad-droga eroina fid-29 t' Awwissu, 2005. Issa huwa car li sentejn qabel il-25 ta' Frar, 2007, igibu sad-data tal-25 ta' Frar, 2005. Ghalhekk meta l-Ewwel Qorti giet biex tiggudika lill-appellat f' dan il-kaz, imissha ddikjarat li kien hemm ir-res judicata, mhux biss fuq it-tieni w t-tielet imputazzjoni (ghalkemm mhux ghar-raguni moghtija mill-Ewwel Qorti) imma sahansitra fuq l-ewwel imputazzjoni ta' pussess tad-droga eroina fid-29 t' Awwissu, 2005, billi tali pussess f' dik id-data kien diga gie gudikat fl-ewwel sentenza deciza mill-Magistrat Dr. L. Quintano dak in-nhar stess li nghatat is-sentenza hawn appellata u cioe' fil-21 ta' Mejju, 2007 u qabel ma inghatat is-sentenza appellata.

Isegwi mbaghad ukoll li jekk kien hemm ir-res judicata fuq l-ewwel imputazzjoni, dan ikollu l-istess effett fuq it-tieni, t-tielet u r-raba imputazzjoni konsegwenzjali dedotti kontra l-appellat f' dan il-process.

Ghalhekk f' dan il-kaz mhux rilevanti l-principju enuncjat fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Grezzju sive Horace sive Louis Cassar"** [23.1.2003], citat mill-appellant, ghax ir-raguni tal-applikazzjoni ta' *ne bis in idem* mhux dik imsemmija mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Jekk l-Ewwel Qorti kienet skorretta, dan kien mhux meta ma sabitx htija dwar it-tieni w it-tielet imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat appellat fuq il-bazi ta' *ne bis in idem*, imma meta ma ddikjaratx ukoll l-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet ukoll perenti minnhabba *ne bis in idem* u dan ghax il-pussess tad-droga eroina tad-29 t' Awwissu, 2005, kien gja kopert bl-akkuza ta' pussess tal-istess droga fis-sentejn ta' qabel il-25 ta' Frar, 2007, mertu tal-kawza l-ohra deciza mill-istess Magistrat fl-istess jum u qabel is-sentenza appellata.

Illi pero' l-appellat ma appellax minn din is-sentenza w ghalhekk, fl-assenza ta' appell, din il-Qorti hija prekluza

milli tvarja s-sentenza appellata f' dan is-sens. Trid biss tillimita ruha filli tichad l-appell tal-Avukat Generali w tieqaf hemm. L-appellat pero' jista' jipprova jirrikorri ghar-rimedju moghti taht l-art. 93 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------